— għall-apparat u l-aċċessorji li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala sostenn għal diżabbiltajiet tal-bniedem, iżda li ma humiex intiżi għall-użu personali u esklużiv tal-"persuni b'diżabbiltà", fejn dan it-terminu jintuża fis-sens abitwali tiegħu, jiġifieri f'sens differenti u iżjed strett mit-terminu "persuna marida", skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 1(6) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola,

ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 98, moqri flimkien mal-Anness III, tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1], tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sistema ta' rata mnaqqsa prevista bil-punt 1(5) u (6) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola u bil-punt 1(3) tat-tieni paragrafu tal-istess artikolu tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni awtorizzat mid-direttiva tal-VAT, peress li din tmur lil hinn mill-possibbiltajiet offerti lill-Istati Membri bil-kategoriji 3 u 4 tal-Anness III tal-imsemmija direttiva. L-interpretazzjoni tal-awtoritajiet Spanjoli tikkontradixxi l-kliem u l-istruttura tad-direttiva, u tmur kontra l-ġurisprudenza li tgħid li l-eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali tas-sistema komuni tal-VAT għandhom jiġu interpretati b'mod strett.

[1] ĠU L 347, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Haarlem (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-8 ta' Lulju 2011 — Hewlett-Packard Europe BV vs Inspecteur van de Belastingdienst/Douane West, kantoor Hoofddorp Saturnusstraat**

**(Kawża C-361/11)**

(2011/C 282/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Haarlem

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Hewlett-Packard Europe BV

*Konvenut:* Inspecteur van de Belastingdienst/Douane West, kantoor Hoofddorp Saturnusstraat

**Domandi preliminari**

(1) Fid-dawl tal-eżami tagħha […] fir-rigward tal-veloċitajiet tal-istampar u tal-ikkopjar, ir-Rechtbank qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħtija iktar gwida dwar ir-risposta għall-kwistjoni tal-importanza li għandha tingħata lil sitwazzjoni fejn il-veloċitajiet tal-istampar u tal-ikkopjar jiġu ddeterminati mill-istess unità tal-istampar u fejn id-differenza fil-veloċità bejn dawn il-funzjonijiet hija dovuta biss għall-fatt li d-dokument li jkun qiegħed jiġi kkopjat ikollu l-ewwel jiġi skennjat qabel ma jkun jista' jiġi stampat.

(2) Fid-dawl tal-eżami tagħha […] fir-rigward tan-numru ta' trays għall-karti u fir-rigward tal-preżenza ta' feeder għall-folji tal-karti, ir-Rechtbank qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkjarifika jekk il-gwida mogħtija minnha fis-sentenza fil-Kawżi magħquda C-362/07 u C-363/07, Kip Europe *et* (Ġabra p. I-9489) f'dan ir-rigward għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-preżenza ta' iktar minn tray għall-karti wieħed u ta' feeder għall-folji tal-karti huma karatteristiċi oġġettivi li jindikaw li l-apparat ikkonċernat huwa apparat li jikkopja pjuttost milli unità li tistampa.

(3) Fid-dawl tal-eżami tagħha […] fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni jekk il-karatteristiċi essenzjali tal-apparat inkwistjoni f'din il-kawża, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kriterji stabbiliti mill-Cour d'appel de Paris fis-sentenza tagħha fl-20 ta' Mejju 2010 f'dan ir-rigward inkonnessjoni ma' apparat simili għal dak inkwistjoni f'din il-kawża, ir-Rechtbank qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħtiha gwida addizzjonali dwar il-kwistjoni ta' jekk il-valur u l-piż tal-unità ċentrali tal-istampar (il-magna tal-istampar) għandhomx jiġu attribwiti lill-funzjoni tal-istampar jew lill-funzjoni tal-ikkopjar u jekk il-valur u l-piż tal-iscanner għandhomx jiġu attribwiti kompletament jew parzjalment lill-funzjoni tal-ikkopjar.

(4) Fid-dawl tal-eżami mwettaq mir-Rechtbank […], ir-rata tad-dazju doganali ta' 6 % speċifikata fil-Kodiċi NM 8443 31 91 mir-Regolament Nru 1031/2008 [1] hija valida sa fejn tapplika għal printers b'diversi funzjonijiet li, skont il-gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-Kawżi magħquda C-362/07 u C-363/07, Kip Europe *et*, kellhom jiġu kklassifikati taħt il-Kodiċi NM 8471 60 20 jekk kienu importati qabel l-1 ta' Jannar 2007?

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU L 291, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Judicial de Santa Maria da Feira (il-Portugall) fit-8 ta' Lulju 2011 — Serafim Gomes Oliveira vs Lusitânia — Companhia de Seguros, SA**

**(Kawża C-362/11)**

(2011/C 282/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Judicial de Santa Maria da Feira

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Serafim Gomes Oliveira

*Konvenut:* Lusitânia — Companhia de Seguros, SA

**Domanda preliminari**

Dispożizzjoni tad-dritt Portugiż, li tirrikjedi li l-kumpens jitnaqqas fi proporzjon mat-tort taż-żewġ partijiet fl-inċident inkwistjoni, li seħħ f'Novembru 2006 bejn rota u vettura għall-passiġġieri b'assigurazzjoni obbligatorja ta' vettura b'mutur, hija konsistenti mad-dritt Komunitarju, anki jekk iċ-ċiklist kellu anqas minn 20 % tat-tort?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de Pequena Instância Cível de Lisboa (il-Portugal) fit-8 ta' Lulju 2011 — João Nuno Esteves Coelho dos Santos vs TAP Portugal**

**(Kawża C-365/11)**

(2011/C 282/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de Pequena Instância Cível de Lisboa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* João Nuno Esteves Coelho dos Santos

*Konvenuta:* TAP Portugal

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2009 Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, Ġabra p. I-10923), interpretat fis-sens li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jiġu assimilati mal-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens meta huma jsofru, minħabba t-titjira mdewma, telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar, għandhom jiġu interpretati bl-istess mod fil-każ fejn titjira, li telqet fil-ħin mill-ajruport tat-tluq, kienet suġġetta għal dewmien ta' tliet sigħat u ħamsa u ħamsin minuta fl-ajruport tal-waqfa (stop-over) minħabba li l-kumpannija tal-ajru, għal raġunijiet operattivi, iddeċiediet li tibdel l-ajruplani, u li l-ajruplan sostitut, li kien diġà bil-ħsara qabel il-waqfa (stop-over), kellu jkun is-suġġett ta' intervent tekniku, b'mod li t-titjira inkwistjoni spiċċat waslet fl-ajruport tad-destinazzjoni bl-istess dewmien ta' tliet sigħat u ħamsa u ħamsin minuta?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fil-11 ta' Lulju 2011 — Déborah Prete vs Office national de l'emploi**

**(Kawża C-367/11)**

(2011/C 282/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Déborah Prete

*Konvenut:* Office national de l'emploi

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikoli 12, 17, 18, u sa fejn huwa neċessarju, 39 tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fil-verżjoni kkonsolidata f'Amsterdam fit-2 ta' Ottubru 1997, jipprekludu dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali li, bħall-inċiż (j) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tad-deċiżjoni rjali Belġjana tal-25 ta' Novembru 1991 dwar ir-regolazzjoni tal-qagħad, tissuġġetta d-dritt għall-allowances ta' stennija ta' żagħżugħ, ċittadin tal-Unjoni Ewropea, li ma jkollux il-kwalità ta' ħaddiem fis-sens tal-Artikolu 39 tat-Trattat, li jkun wettaq l-istudji sekondarji fl-Unjoni Ewropea imma mhux fi stabbiliment ta' tagħlim organizzat, iffinanzjat jew irrikonoxxut minn wieħed mill-komunitajiet tal-Belġju u li jkun kiseb jew ċertifikat maħruġ minn waħda minn dawn il-komunitajiet li jistabbilixxi l-ekwivalenza ta' dawn l-istudji għal ċertifikat ta' studji, maħruġ mill-bord kompetenti ta' waħda minn dawn il-komunitajiet għall-istudji mwettqa f'dawn l-istabbilimenti ta' tagħlim Belġjani, jew ċertifikat li jagħti aċċess għall-edukazzjoni ogħla, għall-kundizzjoni li dan iż-żagħżugħ qabel ikun segwa sitt snin ta' studji fi stabbiliment ta' tagħlim organizzat, iffinanzjat jew irrikonoxxut minn wieħed mill-komunitajiet tal-Belġju, jekk din il-kundizzjoni tkun esklużiva u assoluta?

(2) Fil-każ li dan huwa minnu, iċ-ċirkustanzi li ż-żagħżugħ imsemmi fl-ewwel domanda, li ma jkunx segwa sitt snin ta' studji fi stabbiliment ta' tagħlim Belġjan, ikun jirrisjedi fil-Belġju mal-konjuġi Belġjana tiegħu u jkun irreġistrat bħala persuna li tfittex ix-xogħol ma' dipartiment Belġjan tal-impjiegi, jikkostitwixxu elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata r-rabta taż-żagħżugħ mas-suq tax-xogħol Belġjan, fid-dawl tal-Artikoli 12, 17, 18 u, jekk ikun il-każ, 39 tat-Trattat? Sa fejn għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul ta' dawn il-perijodi ta' residenza, ta' żwieġ u ta' reġistrazzjoni bħala persuna li tfittex ix-xogħol?